**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 16 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 1299/00 AJD*

John Farrugia

vs

Anna Magro

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz prezentat fil-25 ta' Awissu, 2000, fejn intalab illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mija u tlettax il-lira Mlatin (Lm113.00) rapprezentanti kwart tal-ispejjes inkorsi u servizzi rezi mill-attur a favur Joseph Zammit li miet nhar it-3 ta' April, 1999, u li tieghu l-konvenuta hija wahda mill-eredi flimkien ma' hutu l-ohra.
Bl-ispejjes inkluzi tlett liri Maltin (Lm3.00) tal-ittra legali tad-19 ta' Mejju, 1999, u ghaxar liri Maltin (Lm10.00) tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Ottubru, 1999, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn din eccepiet is-segwenti:-

Illi preliminarjament l-attur ghandu jipprova llli l-konvenuta hija eredi fis-sehem indikat mill-istess attur tal-mejjet Joseph Zammit.

Illi preliminarjament ukoll Joseph Zammit miet fl-4 ta' Frar tas-sena 1998 u mhux fid-data ndikata mill-istess attur.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma rrendiex is-servigi li qed jivvanta li ghamel fil-konfront tal-mejjet Joseph Zammit.

Ghaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal huwa mitlub li jichad it-talba tal-attur bl-ispejjes legali kontra tieghu.

Ra d-digriet tat-3 ta' Ottubru, 2000, fejn giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz fis-sens illi d-data ndikata li fiha miet Joseph Zammit giet mibdula mit-3 ta' April, 1999, ghall-4 ta' Frar, 1998.

Ra d-digriet tat-3 ta' Ottubru, 2000, fejn gie ordnat li din il-kawza tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra fl-ismijet "John Farrugia vs Anthony Zammit" (Avviz Numru 1298/00) u dan peress li l-mertu taz-zewg kawzi huwa identiku.

Ra l-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru, 2000, fejn il-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha. F'din is-seduta il-partijiet qablu wkoll li l-provi li jinstemghu f'din il-kawza huma applikabbli wkoll ghall-kawza hawn fuq imsemmija u cioe' dik fl-ismijiet "John Farrugia vs Anthony Zammit" (Avviz Numru 1298/00).

Sema x-xhieda tal-attur, ta' Michael Zammit, Grace Vassallo, Anthony Zammit, tal-konvenuta Anna Magro u Brian Magro. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi l-attur qed jitlob l-ammont ta' mija u tlettax il-lira Maltin (Lm113.00) bhala sehem il-konvenuta li hija wahda mill-eredi universali ta' huha Joseph Zammit mis-servigi rezi minnu lill-imsemmi Joseph Zammit.

2. Illi l-konvenuta issostni li l-attur ma rrendiex servigi lil huha u li hija addirittura saret taf lill-attur biss wara l-mewt ta' huha.

3. Illi l-attur esebixxa prospett (Dok. JF3 u 4) li jelenka s-servigi minnu pretizi. Dan il-prospettt ma jinkludi ebda ricevuta izda huwa akkompanjat biss minn notamenti maghmula mill-attur stess.

4. Illi x-xhieda prodotti mill-attur sabiex jikkoroboraw il-verzjoni tieghu li huwa rrenda servigi lil Joseph Zammit, u cioe' Michael Zammit u Grace Vassallo, effettivament m'ghamlux dan. Michael Zammit, in-neputi ta' Joseph Zammit, qal biss li gieli kien jara lill-attur l-Isptar hdejn zijuh izda qal ukoll li qatt ma sema' lil zijuh jitlob xi haga lill-attur. Grace Vassallo li hija l-propjetarja tal-art li kien jahdem Joseph Zammit ma tat ebda ndikazzjoni li kienet taf lill-attur jew li l-istess attur kien jiehu hsieb l-affarijiet ta' Joseph Zammit in kwantu jirrigwarda l-art. Inoltre, id-dokumenti esibiti mill-attur (Dok. GV1 sa Dok. GV5) ma jaghtu ebda ndikazzjoni li l-attur effettivament kien qed jiehu hsieb l-affarijiet ta' Joseph Zammit

5. Illi fix-xhieda tieghu l-attur isostni li Karmenu Zammit u cioe' wiehed mill-eredi universali ta' Joseph Zammit, kien hallas sehemu mill-ammont dovut bhala servigi izda l-attur ma ressaq ebda prova li tindika li gie effetwat dan il-hlas.

6. Illi t-Tribunal jidhirlu li l-attur ma rnexxilux jipprova soddisfacentement li huwa rrenda servigi lil Joseph Zammit.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u konsegwentement jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR